MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 140/2005

**John Borg [ID 904145(M)]**

**vs**

**XL Travel Services Ltd [C-26155]**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitta u erbghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm2,046.15) rapprezentanti prezz ta' akkomodazzjoni bbukkjat mis-socjeta' konvenuta. Nonostante illi giet nterpellata sabiex thallas dan il-bilanc, inkluz permezz ta' ittra legali datata 22 ta' Jannar, 2005 (Dok. C) is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi

ndikati fil-prospett anness ma l-avviz ghas-smiegh, sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' riduzzjoni illi biha rriduca s-sorte bi tmienja u sebghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm78.82) ghas-somma ta' Lm1,967.33 liema riduzzjoni saret bhala "credit note" fuq invoice bin-numru 10125 datata 30 ta' Awissu, 2002.

L-attur zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez u l-imghax kif mitlub fl-Avviz.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-16 ta' Gunju, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta u cioe' ghas-somma ta' elf, disa' mija u sebgha u sittin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm1,967.33) bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------